MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 44

1 ta' Novembru 2010

Minuti tas-Seduta Nru. 44 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn 1 ta' Novembru 2010.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha minbarra l-Kunsillier P. Cutajar li kien skużat.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Viċi Sindku E. Bartolo aċċenna għall-minuta 15.1. **(Ref: T/12/Vol II)** u ppropona li tinqara kif ġej:

*"15.3. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li min-naħa tal-Kunsill attendew is-Sindku u l-Kunsillier J. Buttigieg. Il-Viċi Sindku E. Bartolo ma telgħax minħabba l-ispiża addizzjonali nvoluta, minkejja li kien hemm approvazzjoni tal-Kunsill biex jagħmel dan.".*

1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 18.2. u talab li din tinqara kif hekk:

*"18.2. Is-Sindku aċċenna għall-istedina li saret mill-Kunsill Lokali ta' Agia Napa f'Ċipru għall-Agia Napa Festival li seħħ bejn it-23 u s-27 ta' Settembru. Is-Sur R. Cutajar qal li flimkien miegħu attendew il-Kunsillieri J. Azzopardi u P. Cutajar u grupp ta' persuni oħra mill-Mellieħa. Waqt l-istess attivita` kien hemm stand tal-Mellieħa fejn kien hemm ritratti ta' postijiet ta' interess, kif ukoll tqassam materjal promozzjonali dwar il-lokalita`. Is-Sur R. Cutajar żied jgħid li l-akkomodazzjoni, l-ivjaġġar u l-ikliet tħallsu mill-Kunsill Lokali ta' Agia Napa.".*

1.3. Il-Kunsill approva l-minuti tas-seduta Nru. 43 li saret fil-11 ta' Ottubru 2010, bl-emendi mressqa, u għalhekk ġew iffirmati.

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. Żvilupp fi Triq Snajjin k/m Triq Adenau (P/5/8/4)

2.1.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuta 4.1.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-*Contracts Manager* ra l-applikazzjonijiet li diġa kkunsidrat il-MEPA, kif ukoll oħrajn li għadhom pendenti. Il-Perit J. Attard ikkummenta li l-applikazzjoni pendenti PA 3232/10 kienet tinvolvi l-bini ta' żewġ sulari oħra u *penthouse* sal-massimu stabbilit fil-Pjan Lokali. Permessi għal żvilupp simili, li jinvolvu l-binjiet tal-ġnub diġa nħarġu, ossija PA 6480/07 u PA 1740/09. Il-Perit Attard kompla jirrapporta li l-applikazzjoni pendenti PA 3157/10 hija wkoll sabiex jinbnew żewġ sulari oħra flimkien ma' *penthouse*, iżda f'dan il-każ, il-binja proposta tmiss mat-taraġ ta' Triq Adenau, fejn jiżisti diżlivell qawwi. Għaldaqstant it-talba mhix konformi mal-Pjan Lokali billi ma tipprovdix għall-irtirar tal-bini 'il ġewwa min-naħa ta'

Triq Adenau. *Outline Development Application* PA 2797/09, diġa ġiet irrifjutata għal din ir-raġuni.

2.1.3. Fid-dawl tar-rapport imressaq, il-Kunsill talab li ssir laqgħa mal-*case officer* jew uffiċjali oħra konċernati fi ħdan il-MEPA qabel l-applikazzjonijiet jiġu kkunsidrati mill-Kummissjoni dwar il-Kontroll tal-Iżvilupp.

### 2.2.1. Ħaddiema fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill (P/7/1/Vol VIII)

2.2.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuta 4.4.4. tas-seduta preċedenti u għarraf li saru rappreżentazzjonijiet mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex tiġi verifikata l-proċedura prevalenti dwar l-impjieg ta' persuna oħra wara r-riżenja tas-Sinjura Patricia Cordina. Wara t-tweġiba mogħtija, saret sejħa fost l-impjegati tal-Kunsilli Lokali ta' Malta u Għawdex sabiex jiġi stabbilit dwar jekk hemmx persuni li huma mħajjra jaħdmu mal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa. Is-sejħa saret permezz tal-*e-mail* fit-23 ta' Ottubru u għalqet fl-1 ta' Novembru 2010, wara liema data rriżulta li ma kien hemm ebda applikazzjoni.

2.2.3. Fid-dawl tat-tagħrif mogħti l-Kunsill qabel li għandha tintalab lista ta' persuni li qed jirreġistraw għax-xogħol mall-Korporazzjoni dwar l-Impiegi u Taħriġ sabiex jiġu ntervistati mill-bord li kien inħatar mill-Kunsill għall-istess għan fis-seduta numru 21 tal-25 ta' Ġunju 2009.

### 2.3.1. Xiri ta' servizzi b'rabta ma' applikazzjonijiet u rappurtaġġ dwar proġetti ffinanzjati taħt il-programmi tal-Unjoni Ewropea (C/3/1)(P/10/7)

2.3.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.3.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li saret applikazzjoni għal kofinanzjament tal-proġett *Mellieħa Nights* li twettaq bis-saħħa tal-Programm *Citizens Meetings* Action 1.1. - *Town Twinning Meetings* - tal-Unjoni Ewropea.

2.3.3. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

### 2.4.1. Sentenzi tal-Qorti li jinvolvu xogħol fil-komunita` (A/8/2)

2.4.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.4.1. tas-seduta preċedenti u għarraf illi l-persuna li ġiet ordnata mill-Qorti sabiex tagħmel xogħol fil-komunita` qed jassisti l-ġardinar tal-Environment Landscapes Consortium Ltd, li jieħu ħsieb il-ġonna u *soft areas* fil-Mellieħa u l-Manikata.

2.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.5.1. Użu tal-faċilitajiet fl-Iskola Primarja (S/3/6)

2.5.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.7.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li saret laqgħa mal-Kap tal-Iskola Primarja, is-Sinjura M. Leone. Mill-istess laqgħa sar magħruf li s-Sinjorina Michelin Sciberras, Direttur Ġenerali fid-Direttorat għas-Servizzi Edukattivi nfurmat lis-Sur Bernard Vassallo, iċ-Chairman tal-Kunsill Malti għall-Isports, li qabel tiġi konkluża l-inkjesta, ma jkunx jista' jsir użu mil-faċilitajiet fil-bitħa tal-iskola. L-inkjesta qed issir wara l-korriment ta' tifel f'Settembru 2010.

2.5.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.6.1. Konferenza fil-Mellieħa (T/12/2)

2.6.2. Is-Sur R. Cutajar aċċenna għall-minuta 13.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li għall-konferenza li saret fit-22 ta' Ottubru 2010 fil-Maritim Hotel Antonin & Spa, attendew madwar 100 delegat mill-Italja. Huwa kkummenta li l-attendenza min-naħa tal-kunsillieri setgħet kienet aħjar, filwaqt li attendew seba' għaqdiet biss mil-lokalita`.

2.6.3. Is-Sur C. Bartolo kkummenta li fl-istess data u ħin il-Kunsillieri tal-Partit Laburista kienu npenjati f'laqgħa tal-Kumitat Lokali li kienet skedata minn qabel.

### 2.7.1. Ġimgħa Maltija fi Brussel (T/12/Vol II)

2.7.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 15.3 tas-seduta preċedenti u aċċenna li fil-*magazines* "Antenna", "Gwida" u fil-ġurnal "In-Nazzjon" kien hemm artikoli li rreferew għall-parteċipazzjoni tal-Kunsill fl-attivita' msemmija, li saret bejn l-4 u s-7 ta' Ottubru 2010 fil-pjazza ta' quddiem il-Parlament Ewropej fi Brussel.

2.7.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.8.1. Skema dwar Korsijiet *Lifelong Learning* (E/3/1/Vol III)

2.8.2. Il-Kunsillier C. Bartolo rrefera għall-minuta 17.1. tas-seduta preċedenti u qal li fis-27 ta' Ottubru 2010 saret laqgħa għal dawk il-persuni li wrew interess sabiex jattendu il-korsijiet tal-bizzilla li huma ntenzjonati li jsiru bil-kollaborazzjoni tal-Ladies Craft Circle u l-Art Club 2000. Huwa għarraf li għal-laqgħa kienu preżenti l-istudenti li jixtiequ jattendu l-korsijiet tal-Ladies Craft Circle, filwaqt li ma attenda ħadd min-naħa tal-Art Club 2000, minkejja li wieħed mill-korsijiet ġie riżervat għalihom.

2.8.3. Is-Segretarju għarraf li l-Ladies Craft Circle identifikaw l-għalliema kif ġew mitluba. Il-Kunsill kien tal-fehma li kemm-il darba l-Art Club 2000 ma jagħmlux l-istess u jagħtu l-lista tal-istudenti, għandu jitqies li m'għadhomx interessati u għalhekk il-lezzjonijiet tal-kors li ġie riżervat għalihom għandhom jiżdiedu mat-tliet korsijiet tal-Ladies Craft Circle.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- Skeda ta' Pagamenti – 08/10/10 – 28/10/10
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 17/09/10 – 27/10/10
- *Purchase Request Form* – 28/10/10
- Skeda ta' korrispondenza li waslet
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet
- Rapport wara intervisti lill-offerenti li wieġbu għas-Sejħa għall-Offerti 4/2010 – Twaqqif ta' Monument fi Triq Qasam Barrani / Triq il-Mitħna l-Ġdida – 13/10/10
- Minuti tat-*Tender Adjudication Board* - 28/10/10

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Xmas Cup tal-Futbol (S/6/Vol IV)

4.1.2. Saret referenza għal *e-mail* datat 12 ta' Ottubru 2010, mibgħut mill-Mellieħa Sports Club, fejn ġie propost li ssir Xmas Cup tal-Futboll, li tibda fid-19 ta' Diċembru u tintemm fit-22 ta' Diċembru 2010, biex b'hekk tiġi waħda mill-attivitajiet fil-Milied Mellieħi 2010.

4.1.3. Il-Kunsill approva t-talba billi qabel li jissupplixxi t-trofej sal-massimu ta' €250.

### 4.2.1. Ipparkjar fi Triq Tas-Salib (T/3/2/Vol X)

4.2.2. Saret referenza għal ittra datata 16 ta' Settembru 2010, mibgħuta minn xi residenti tat-triq imsemmija. L-istess residenti qed jilmentaw illi mhux qed ikun possibbli li jgħaddu l-vetturi u jintużaw il-bankini fuq iż-żewġ naħat bl-ipparkjar ta' vetturi li jkunu qed iħottu l-merkanzija fuq in-naħa ta' wara tax-Shoppers Supermarket.

4.2.3. Ġie deċiż li l-operaturi tax-Shoppers Supermarket għandhom jiġu mitluba sabiex joħorġu l-iskart biss meta jiġi l-iscammel tal-kollettur privat.

### 4.3.1. *Reserved parking area* fuq il-Moll tat-Tunnara (T/3/2/Vol X)

4.3.2. Sar aċċenn għal ittra datata 16 ta' Settembru 2010, mibgħuta minn Transport Malta sabiex jiġi allokat parkeġġ riżervat għal vettura u d-*dinghy* li jintuża fuq xogħol uffiċjali mill-*Bay Coordinators* li jkunu fil-Bajja tal-Għadira kuljum bejn Ġunju u Settembru.

4.3.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jittieħed wieħed mill-ispazji ntenzjonat illi jintuża f'każ ta' emerġenza. Għaldaqstant kien hemm qbil li għandha ssir tabella apposta li tindika l-perjodu tas-sena meta din l-area tkun riżervata għall-iskop imsemmi.

### 4.4.1. *Malta Olympic Committee Sports Awards* (N/1/Vol II)

4.4.2. Inqrat ittra datata 25 ta' Ottubru 2010, mibgħuta mill-Kumitat Olimpiku Malti fejn tħabbar li bħala parti mill-*MOC Sports Awards*, il-Kunsill qed jiġi mistieden jressaq nominazzjoni għall-kontribut li jista' ta lill-isports Malti fuq il-kriterji segwenti:

- Organizzazzjoni ta' attivitajiet sportivi bejn l-iskejjel tal-lokal;
- *Seminars* dwar l-isport u s-saħħa fiżika;
- Għajnuna lill-għaqdiet sportivi tal-lokal;
- Kostruzzjoni ta' faċilitajiet sportivi ġodda jew titjib f'oħrajn eżistenti; u
- Twaqqif ta' monumenti ġodda b'tema sportiva.

Inġibdet l-attenzjoni li n-nominazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi sa nofsinhar tat-23 ta' Novembru 2010.

**4.4.3.** Il-Kunsill qabel li għandha titressaq nomina li tkun tkopri l-Park tal-Familja, li jinkludi faċilitajiet sportivi, flimkien ma' attivitajiet li jiġu organizzati mill-Kunsill waħdu jew ma' għaqdiet oħra fil-lokalita`. Il-Manikata Fun Games, AvventuraSajf u l-Premjijiet Sportivi Melleħin tas-Sena, issemmew bħala eżempji.

## 4.5.1. Kostruzzjoni ta' toroq ġodda (T/4/7/Vol III)

4.5.2. Is-Sindku rrefera għal ittra datata 29 ta' Ottubru 2010, mibgħuta minn Transport Malta fejn ingħatat lista ta' toroq li skond ir-*records* tal-awtorita` għad jridu jsiru għall-ewwel darba. Dawn jinkludu:

- Triq Ta' Fuq il-Widien;
- Triq il-Pont;
- Triq il-Qortin;
- Triq ix-Xagħra Ta' Barra;
- Triq l-Għar u Casa;
- Triq l-Imġiebaħ;
- Triq il-Fidwa Tal-Ilsiera (Triq ġdida fi Triq l-Imġiebaħ);
- Triq ir-Rattan (bejn Triq Ta' Masrija u Triq l-Iżbark tal-Franċiżi);
- Triq il-Biegħa (Parti ta' fuq);
- Triq ix-Xagħra l-Ħamra (Parti minnha)
- Triq il-Fuħħar.

4.5.3. Il-Kunsill innota li Triq ix-Xagħra Ta' Barra saret aktar kmieni din is-sena u talab li din tiġi aġġornata b'toroq li għad jridu jsiru għall-ewwel darba jew li l-istat tagħhom huwa tali li jirrikjedu bini mill-ġdid. It-toroq li ssemmew kienu:

- Triq Mons. Ġużeppi Schembri;
- Triq it-Tunnaġġ;
- Triq il-Padrun;
- Triq il-Wied Ta' Ruman; u
- Triq Ġdida bejn Triq il-Mellieħa u Triq Dun Manwel Grima.

4.5.4. Kien hemm qbil li l-awtorita` għandha tiġi aġġornata b'toroq, li għalkemm kienu saru fil-passat, jeħtieġu li jiġu mibnija mill-ġdid. It-toroq li jaqgħu f'din il-kategorija huma:

- Triq il-Qasab;
- Triq it-Trill; u
- Triq l-Arżnell

## 4.6.1. Tħawwil ta' siġar fil-Foresta 2000 (A/3/Vol III)

4.6.2. Saret referenza għal *e-mail* datat l-1 ta' Novembru 2010, mibgħuta mill-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali, fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li l-istess Ministeru ser jikkordina t-tħawwil ta' 3000 siġra fil-Foresta 2000 u postijiet oħra bħal Kennedy Grove f'San Pawl il-Baħar. L-attivita' tal-Foresta 2000 hija ppjanata għal nhar it-Tlieta 16 ta' Novembru 2010 fl-10.00am li hija maħsuba li sseħħ flimkien mat-tfal tal-Iskola Primarja tal-Mellieħa.

4.6.3. Is-Sindku fakkar fil-ftehim li kien sar mad-ditta **Time International (Sports)** Ltd li ntrabtet li tgħati minimu ta' 100 siġra kull sena sal-2013, liema ftehim jista' jiġi wtilizzat għal attivita` tas-16 ta' Novembru.

4.6.4. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

## 4.7.1. Xogħol ta' manutenzjoni fil-Fortizza tas-Salib (R/2)

**4.7.2.** Inqrat ittra datata 26 ta' Ottubru 2010, mibgħuta mill-Mellieħa Scout Group fejn appellaw għall-għajnuna finanzjarja mill-Kunsill sabiex jinxtara materjal ta' *waterproofing* għal xi soqfa fil-Fortizza tas-Salib, liema bini ġie mgħoddi lilhom mill-Gvern Ċentrali sabiex jintuża mill-istess Scouts bħala *headquarters*.

**4.7.3.** Il-Kunsill laqgħa t-talba sakemm l-ispiża totali ma taqbisx €273.00.

4.8.1. ***European Waste Reduction Week*** **(K/11)**

4.8.2. Is-Sindku rrefera għal *e-mail* datat l-1 ta' Novembru 2010, mibgħut mill-Wasteserve Malta Ltd, fejn il-Kunsill ġie mistieden jipparteċipa f'kampanja edukattiva dwar it-tnaqqis tal-iskart, li ser isseħħ bejn l-20 u t-28 ta' Novembru 2010. Fl-istess *e-mail*, ingħata ħjiel ta' jista' jiġi organizzati f'din l-okkażjoni.

4.8.3. Il-Kunsill qabel li għandu jkun hemm kuntatt mal-Green MT Ltd sabiex possibilment tiġi organizzata attivita` flimkien magħhom. Is-Sindku talab li kopja tal-korrispondenza li kien hemm għandha tiġi mgħoddija lill-Kunsillier J. Azzopardi.

**4.9.1. Laqgħa Plenarja għall-Kunsillieri ta' Malta u Għawdex (M/4/6)**

4.9.2. Il-Viċi Sindku E. Bartolo rrefera għal ċirkulari datata 3 ta' Novembru 2010, mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn tħabbar li fl-20 ta' Novembru 2010 ser issir il-laqgħa msemmija fil-lukanda Corinthia f'Ħat Attard. Irrimarka li l-ħlas mitlub ta' €50 huwa pjuttost għoli. Osserva wkoll li kemm-il darba jattendu nofs il-kunsillieri ta' Malta u Għawdex, il-konferenza tiġi tiswa €10,000.

4.9.3. Il-Kunsill iddeċieda li għandu jsir magħruf kemm kien il-ħlas fl-edizzjoni tal-2009 u l-kunsillieri jiġu nfurmati lura sabiex tittieħed deċiżjoni.

**5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti**

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 28 ta' Ottubru 2010.

5.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-iskeda.

**6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta' Servizzi u Materjal**

6.2. Tressqet skeda ta' pagamenti mitluba bejn it-8 u t-28 ta' Ottubru 2010.

6.3. Tressqet wkoll Skedata' Infieq li sar permezz tal-*Petty Cash* li tkopri bejn is-17 ta' Settembru u s-27 ta' Ottubru 2010.

6.4. Il-Kunsill approva l-iskedi msemmija u għalhekk ġew iffirmati.

**7.1. Preżentazzjoni dwar il-Proġett ta' Ħal Ferħ f'Għajn Tuffieħa (P/5/1/Vol III)**

7.2. Dan *l-item* ġie mħolli għas-seduta li jmiss.

**8.1. Sejħa għall-offerti Nru. 2/2010 – Servizz dwar il-Ġbir tal-Iskart Domestiku Mħallat (K/6/2/Vol X)**

8.2. Il-Kunsill ra l-minuti tat-*Tender Adjudication Board* tal-24 ta' Awwissu, it-8 ta' Ottubru, it-13 ta' Ottubru u t-28 ta' Ottubru 2010. Ingħatat ħarsa dwar kif il-Bord wasal għall-punteġġi mogħtija lill-offerenti li ġew *shortlisted*, kif ukoll lejn il-kriterji illi fuqhom saret ir-rakkomandazzjoni li l-kuntratt għandu jingħata lill-Velljo Services, minkejja l-ilmenti li ġew imressqa lill-Kunsill dwar is-servizz mogħti minnu fl-aħħar snin.

8.3. Il-Kunsill laqa' ir-rakkomandazzjoni tal-Bord, iżda ddeċieda li għandha ssir laqgħa miegħu dwar titjib li huwa mistenni minnu taħt il-kuntratt il-ġdid li għandu jidħol fis-seħħ b'effett mill-1 ta' Diċembru 2010. Għal dan il-għan, kien hemm qbil li għandha ssir laqgħa mal-offerent fil-5 ta' Novembru 2010 fis-6.30pm.

8.4. Il-Kunsill qabel ukoll li għandha tintbagħat ittra ta' aċċettazzjoni lil Velljo Services, filwaqt li l-offerenti l-oħra jiġu mgħarrfa bid-deċiżjoni. Is-Segretarju ġie mitlub ukoll jitlob il-pubblikazzjoni tal-*Contract Award Notice* fis-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea.

8.5. Ġie deċiż li għandhom jsiru avviżi fil-ħarġa li jmiss tal-magazin "Mill-Qiegħa", kif ukoll fil-ġurnali sabiex il-pubbliku jkun infurmat bl-arranġamenti l-ġodda taħt il-kuntratt il-ġdid.

**9.1. Sejħa għall-offerti Nru. 5/2010 – Servizz ta' Ġbir ta' Skart Goff (K/6/8)**

9.2. Il-Kunsill ra l-minuti tat-*Tender Adjudication Board* tat-28 ta' Ottubru 2010, fejn kien hemm rakkomandazzjoni sabiex il-kuntratt jingħata lill-offerent Antoine Fenech

9.3. Il-Kunsill qabel ukoll li għandha ssir laqgħa mas-Sur Fenech sabiex jispjega l-mod kif ser jaħdem. Il-laqgħa ġiet iffissata għall-5 ta' Novembru 2010 fis-6.00pm.

**10.1. Sejħa għall-offerti Nru. 4/2010 – Twaqqif ta' Monument fir-*roundabout* ta' Triq Qasam Barrani / Triq il-Mitħna l-Ġdida (K/6/4/1)**

10.2. Saret referenza għall-minuti tat-*Tender Adjudication Board* tal-24 u t-28 ta' Ottubru, kif ukoll għar-rapport tal-intervista li saret lill-offerenti fl-24 ta' Ottubru 2010. Il-Kunsill approva r-rakkomandazzjoni tal-Bord illi l-kuntratt għandu jingħata lill-offerent Ricky Caruana. Fl-intervista msemmija s-Sur Caruana ddikjara li lest jieħu lura l-monument kemm-il darba ma jkunx jissodisfa l-ispeċifikazzjonijiet stipulati fil-kuntratt. Huwa stieden lill-Kunsill sabiex jispezzjona x-xogħol fl-Italja.

10.3. Il-Kunsill iddeċieda li għal din l-ispezzjoni għandhom imorru l-Viċi Sindku E. Bartolo u d-disinjattur Emanuel Cini.

10.4. Kien hemm diskussjoni wkoll dwar it-tinqix tal-kliem u armi li għandu jkun hemm fuq il-monument. Il-Kunsill qabel li l-kliem "Mill-Melħ u l-Għasel Jiena Ħadt Ismi" għandu jsir fuq wieħed mit-tliet iġnub tal-monument, filwaqt li fuq it-tnejn l-oħra għandu jkun hemm l-istemma tal-Mellieħa u dik tal-EDEN. L-ewwel ġebla li kienet tqiegħdet f'Settembru 2009, għandu jinstabilha post mal-bażi tonda tal-monument.

**11.1. *European Tourism Forum* (K/12)**

11.2. B'referenza għall-minuta 10.1. tas-seduta preċedenti, il-Kunsill ġie mgħarraf mis-Sindku li l-Kunsill huwa mistieden jattendi l-konferenza msemmija, kif ukoll l-attivitajiet marbuta magħha li ser issiru bejn is-17 u d-19 ta' Novembru 2010 fil-lukanda Golden Sands f'Għajn Tuffieħa. Issa sar magħruf ukoll li l-Mellieħa ser tkun involuta bl-attivita` f'Misraħ il-Parroċċa fis-17 ta' Novembru, fejn ser tintrama tinda biex jiġi servut l-ikel lid-delegati.

11.3. Is-Sur R. Cutajar qal li l-Ministeru tat-Turiżmu ser jixtri numru ta' kopji tal-ktieb "*In Search for Identity – The Mellieħa Experience*", flimkien ma' DVD pomozzjonali dwar il-lokalita`. Huwa ppropona li flimkien jistgħu jinbiegħ bil-prezz ta' €12 u €10, rispettivament.

11.4. Is-Sindku qal li qed jagħmel kuntatti bil-għan li jsir *stand* promozzjonali dwar il-lokalita` fil-lukanda Golden Sands. Huwa qal ukoll li bil-kollaborazzjoni tal-Ambaxxatur Malti fi Brussel - Pierre Clive Agius – u l-Airmalta, ser ikun hawn Malta tliet ġurnalisti bbażati fi Brussel, sabiex jirrappurtaw dwar il-konferenza. Is-Sur R. Cutajar ikkummenta li indirittament dawn ser jirreklamaw il-lokalita`. Huwa spjega li l-Airmalta ser tkun qed tipprovdi l-vjaġġi, filwaqt li l-Kunsill ikun mistenni li jagħmel tajjeb għat-taxxi marbuta magħhom.

11.5. Il-Kunsill qabel mal-proposti mressqa mis-Sindku.

**12.1. Tħejjijiet Milied Mellieħi 2010 (A/5/3/6/Vol III)**

12.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li saret laqgħa għall-għaqdiet kollha li jixtiequ jipparteċipaw billi jiftħu *stand* taħt it-tinda jew taħt xi forma oħra. Din tinkludi:

- Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina;
- Societa` Filarmonica La Vittoria;
- Mellieħa Sports Club;
- Forum Żgħażagħ Laburisti;
- Uffiċċju tal-Partit Nazzjonalista;
- Ghaqda tan-Nar Marija Bambina;
- Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti Melleħin;
- British Residents Association;
- Ladies Craft Circle;
- Art Club 2000;

- Historical Military and Maritime Society;
- Ċentru Parrokkjali Maria Bambina;
- Mellieħa Athletics;
- Grupp AIM;
- Noah's Ark;
- Dutch Community; u
- Mellieħa Football Nursery

12.2. Is-Sur R. Cutajar ippropona li bħala kontenut għandu jkun hemm presepju ħaj fuq il-Belvedere tas-Sur, possibilment tul-il ġimgħa kollha. Għall-jum tal-Ħadd 19 ta' Diċembru jkun hemm attivita` filgħodu għall-anzjani u t-tfal, kif ukoll jittella' spettaklu minn kantanti mhux Melleħin. It-Tnejn 20 ta' Diċembru jistgħu jinġiebu kantanti veterani bħal Freddie Portelli, Renzo Gusman u possibilment jerġa jittellgħa l-*musical* "L-Imħabba fuq l-Għolja". Is-Sur R. Cutajar qal li għaddejjin kuntatti sabiex tinġieb *trackless train* fid-19 u l-24 ta' Diċembru. Bħala attrazzjoni li tista' tiġi ntrodotta għall-ewwel darba, huwa ppropona li jkun hemm maratona mtellgħa minn *beauticians* u *hairdressors*, fejn il-pubbliku jkollu l-opportunita` jagħmel *makeup* u jissettja xagħru u l-flus li jinġabru jingħataw lid-Dar tal-Providenza.

12.3. Il-Kunsill approva l-idejat imressqa.

## 13.1. Inkonvenjenti bl-ilma tax-xita fi Triq Għajn Żejtuna u Triq l-Etna (T/4/12)

13.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li qed ikun hemm ilmenti persistenti mir-residenti li joqgħodu *plots* Nru 20A u 22A, fi Triq Għajn Żejtuna dwar l-ilma tax-xita qed jidħol fid-*driveways* tal-villel tagħhom u qegħdin isofru danni. Dan l-inkonvenjent żdied wara li nbniet il-*plot* tal-faċċata tagħhom li minn ġo fiha kien jinżel l-ilma kollu li kien jaqa' fl-ispralli illi hemm fi Triq il-Kbira qrib il-kantuniera ma' Triq l-Etna. L-istess ilma qabel kien jinfirex mal-*plot* kollha, filwaqt li issa qed jgħaddi minn tliet katusi li jiżbokkaw minn post wieħed fi Triq Għajn Żejtuna. Dan l-ilma qed jaħbat mal-ilma ieħor li jidħol minn Triq il-Kbira aktar 'il fuq fil-bidu ta' Triq Għajn Żejtuna.

13.3. Saret referenza għal każ ieħor simili jinvolvi Triq l-Etna quddiem residenza Nru. 28, f'liema parti, l-ilma tax-xita qed jaqsam it-triq u jaħbat direttament b'dritt driveway li tagħti għal garaxx li jinsab 'l isfel mil-livell tat-triq.

13.4. Il-*Contracts Manager* il-Perit J. Attard ġie nvolut fiż-żewġ każi u anke saru spezzjonijiet fuq il-post waqt ix-xita sabiex jiġu nnutati t-tendenzi tal-ilma. Irriżulta li l-ewwel problema tista' tispiċċa jew tittaffa, kemm-il darba jsiru spralli fi Triq Għajn Żejtuna kantuniera ma' Triq il-Kbira, li jkunu jferrgħu fil-katusi li saru għall-ilma tax-xita fi Triq il-Kbira. Fit-tieni każ, il-problema tista' tiġi eliminata billi jsir *gutter* taħt il-bankina.

13.5. Il-Kunsill approva t-twettieq tax-xogħlijiet permezz tal-*period contract* ma' Central Asphalt Ltd wara li jinkisbu il-permessi meħtieġa minn Transport Malta.

## 14.1. Żjara uffiċjali mill-President ta' Malta fil-Mellieħa (A/5/3/1/Vol XII)

14.2. Is-Sindku ppropona li l-President ta' Malta l-Eċċ. Tiegħu George Abela għandu jiġi mistieden jagħmel żjara uffiċjali li tkun fl-istess żmien li jiġi mfakkar Jum il-Kunsill 2011, biex b'hekk din l-attivita` tkun taħt il-patroċinju tiegħu. Is-Sur R. Cutajar qal li normalment żjajar ta' dan it-tip ikunu fuq jumejn – il-Ġimgħa u l-Ħadd. Kompla jgħid li l-President kien qed jaċċetta l-istedina li għamillu l-Kunsill sena qabel. Dan ġie kkonfermat fil-Palazz ta' San Anton waqt il-preżentazzjoni tal-ktieb fis-sensiela Ħannieqa Kulturali – "*Quest For Identity – The Mellieħa Experience*" ta' Paul P. Borg.

14.3. Il-Kunsill qabel mal-proposti mressqa mis-Sindku.

## 15.1. Proġett Park tal-Familja (P/4/6/Vol III)

15.2. Is-Sindku rrefera għall-artiklu li deher fil-gazzetta "Kullħadd" tal-31 ta' Ottubru 2010 taħt it-titlu "Kumpless Sportiv Jeqred ir-Raba". Huwa kkummenta li dan kien fiħ numru ta' allegazzjonijiet li huma nfondati, fosthom:

- Li ttieħdu 30 tomna raba li jinħadem;
- Li qed jinqerdu ħitan tas-sejjieħ u minflokom qed jinbnew ħitan b'ġebel tal-franka wżata; u
- Li biex saret il-korsa twaqqgħat ġirna;

15.3. Is-Sur R. Cutajar irrimarka li kull minn huwa midħla tal-proġett jaf li mhux minnu li ser jittieħdu 30 tomna raba, għaliex ħafna mill-art li ttieħdet għall-proġett hija degredata. Is-Sindku wera ritratti illi juru raba li ilu ma jinħadimx għal diversi snin. Kompla jgħid li l-ġebel tal-franka qed jintuża biex jinbnew il-pedamenti għal ħitan tas-sejjieħ, liema pedamenti ser jintradmu bit-terrapien u ser jibqgħu jidhru biss ħitan li ser jinbnew bil-ġebel tas-sejjieħ li qed jintgħażel minn fuq is-sit, jew ġie akkwistat minn bnadi oħra. Kompla jgħid li mhux minnu lanqas li twaqqgħet xi ġirna, għaliex lanqas biss kienet teżisti waħda. Dan jista' jiġi verifikat minn ritratti li ttieħdu mill-ajru.

15.4. Il-Kunsillieri J. Azzopardi, J. Buttigieg u C. Bartolo kkummentaw li huma ma ġewx ikkonsultati mill-artikolista. Kieku l-artikolist ikkuntattjahom, kienu jinsistu li l-allegazzjonijiet li saru ma jiġux ippubblikati. Is-Sur C. Bartolo rrimarka li l-grupp tal-Partit Laburista huwa favur il-proġett, kif jixhed is-sehem tagħhom fis-sessjoni tat-tħawwil ta' siġar li seħħet fil-Park tal-Familja bis-sehem tad-delegazzjonijiet mil-lokalitajiet ġemellati, kif ukoll biż-żjara li għamlet delegazzjoni oħra mill-Partit Laburista fil-11 ta' Settembru 2010.

15.5. Is-Sur R. Cutajar qal li d-delegazzjoni tal-Partit Laburista, immexxija mill-Onor. Stefan Buontempo u s-Sinjura Claudette Abela Baldacchino, kellha kliem ta' tifħir għal mod kif qed jitwettaq il-proġett.

15.6. Is-Sindku kompla jgħid li l-ħaddiema tad-Diviżjoni tax-Xogħlijiet mhux ser ikunu f'posizzjoni li jibnu d-*dressing rooms* bil-*multi purpose courts* fuqhom. Huwa għalhekk ippropona li jinstab kuntrattur privat sabiex jagħmel ix-xogħol tal-bini, filwaqt li l-materjal jibqa' jipprovdiħ il-Kunsill permezz tal-kuntratt li ngħata.

15.7. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li minħabba l-ammont ta' xogħol involut, ikun jeħtieġ li jitħejja dokument tal-offerta sabiex issir sejħa.

15.8. Il-Kunsill qabel li x-xogħol tal-bini jingħata b'dan il-mod.

## 16.1. *Fish Farm* tat-Tonn (I/1/Vol VIII)

16.2. Il-Kunsillier C. Bartolo għarraf illi l-operaturi tal-*Fish Farm* tat-Tonn – Azzopardi Fisheries – stiednu lil Kunsill kollu sabiex jagħmel żjara fejn hemm il-gaġġeġ tat-tonn, 'l barra mis-Sikka l-Bajda.

16.3. Il-Kunsill innota din l-istedina.

## 17.1. Periklu qrib il-postijiet għall-ikkampjar (C/4/Vol III)

17.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li xi nies qed jilmentaw li tnejn mit-tliet postijiet indikati għall-ikkampjar ġewwa l-Aħrax huma perikolużi għat-tfal billi jinsabu qrib ix-xfarijiet. Dan qed jinħass l-aktar minħabba li ġew ristretti l-permessi li jinħarġu matul l-istaġun tal-kaċċa. Huwa għalhekk ippropona li jsir xi forma ta' protezzjoni qrib ix-xfarijiet tal-Aħrax tat-Tunnara.

17.3. Wara diskussjoni, il-fehma ġenerali kienet illi l-Kunsill ma għandux jinżamm responsabbli mis-sigurta` tal-pubbliku li jiffrekwenta dawn il-postijiet minħabba x-xfarijiet.

## 18.1. Arblu għall-istudju tar-rih fil-Ponta ta' l-Ahrax (P/5/8/A)

18.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi rrefera għall-arblu li twaqqaf xi żmien qabel biex jiġu studjati t-tendenzi tar-riħ fil-Ponta tal-Aħrax. Huwa ġibed l-attenzjoni li l-*wire netting* u *barbed wire* li tqiegħed madwaru saddad tant, li qed jikkawża sfreġju fuq il-wiċċ tal-blat. Huwa appella sabiex il-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali jiġi mitlub jibdlu ma' ieħor li jirreżisti iktar lill-elementi.

18.3. Il-Kunsill innota li dan l-arblu inġieb fuq il-post għal żmien temporarju, iżda qabel li għandha tinġibed l-attenzjoni tal-Ministeru konċernat.

## 19.1. *Musical* "L-Imhabba fuq l-Gholja" (A/5/3/2/Vol XI)

19.2. Is-Sindku għarraf li l-*filming* tal-*musical* imsemmi ser jibda fis-7 ta' Novembru 2010, filwaqt li t-tnedija tal-film ser issir fit-22 ta' Novembru 2010, li jaħbat l-anniversarju mill-mewt tal-kantant Sammy Bartolo. Huwa fakkar li kien intbagħat *e-mail* lill-Kunsillieri kollha dwar jekk jafux nies li jistgħu jaħdmu bħala *extras*.

19.3. Il-Kunsillier C. Bartolo staqsa jekk il-*filming* jinvolvix l-inpenn finanzjarju tal-Kunsill. Is-Sindku wieġeb li dan il-proġett mhux ser jinvolvi ebda nefqa lill-Kunsill, skond kif kien maqbul fis-seduta numru 38 tas-17 ta' Mejju 2010.

19.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**AĠĠORNAMENT**

Is-seduta spiċċat fil-10.45pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn it-22 ta' Novembru 2010, fis-7.00pm.

Robert Cutajar
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**